# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.

**Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.**

IL POETA LATIN ORAZJU.

**6.** **10 TA' OTTUBRU 1908.** **L-EUUEL SENA**


## EMIGRAZZJONI.

Jecc ŭara li incunu għamilna chemm stajna biex ma inħallux il frustieri jnakkrulna il biċċa ħobż li ġa bdiet tonkos għalina, billi ma nagħmlulomx garanziji, billi ma noħorġulomx il flus li jinħtieġu biex jagħmluhom, billi nitgħallmu is-snajja tajjeb bħalhom, ma nitcabbrux f'il pagħi u ingibu ruħna seŭŭa ma' min iħaddimna; u ŭara li tcun saret dic il Cummissjoni li semmejt kabel biex ŭieħed jara x-jista jagħmel biex ikankal il cummerċ u xi industriji biex forsi ma jcollomx bżonn ħafna maltin iħallu pajjishom, allura, meta naraŭ li tasseŭ ma ħaŭnx ħobż għal cullħadd, icun il ŭakt li ŭieħed jaħseb għal l-emigrazzjoni.

Iżda dina, biex ŭieħed ma jibdielux li ħalla lil pajjisu, hemm bżonn li issir b'il għakal collu u m'hux ħorrox-borrox chif jagħmlu x-uħud.

Haŭn bosta li malli jgħaddilom minn moħħhom il ħsieb ta's-safar, jeŭ malli jisimgħu lil xi ħadd igħid li sejjer isiefer ilestu b'il għaġla erba xarbitelli ġo caxxa u jitilku għal bieb Alla.

Jecc tistaksieh fejn sejjer, iŭieġbec li ma jafx, sejjer għal għonk it-triek, fejn marru oħrajn, sejjer jiġri u jfittex xi xogħol b'it-tama kaŭŭija li sa fl-aħħar isibu; mingħajr ma jcun ħa xi informazzjonijiet fuk dac il pajjis biex jara ix-xogħol hux meħtieġ, x-pagħi jatu hemm, b-liema lingŭa jitħaddtu, jecc il clima hux tajjeb għalih, jecc hemmx ħafna li jafu is-sengħa tiegħu jeŭ le.

Dana ħażin ŭisk, għaliex hu difficili ħafna li ŭieħed jakbad art f-ħaġa jecc ma jħejjix ruħu għaliha kabel u jecc ma jcollux daŭc il ħŭejjeġ li jinħtieġu biex icun jista jidħol għaliha.

L'emigrazzjoni lili togħġobni ħafna u li cont naf xi tfisser seŭŭa, meta cont għażeb, bħal ma naf illum, chiecu actarx kiegħed bogħod ħafna minn dana il pajjis. Hi ħaġa sabieħa ħafna li ŭieħed jara pajjisi ġodda, draŭŭiet ġodda, li jitchisser tajjeb f'il-lingŭi. jara chif jiccummerċjaŭ f'artijiet oħra, jagħmilha ma' cull gens ta'nies biex jitgħallem il ħajja, u jara kuddiem għajnejħ ta'cull jum u ta' cull ħin, collox cbir, u b-hecc il ħsiebijiet u l'idejjiet tiegħu jicbru ucoll, u ma jibkax jaħseb ta'ċchejchen bħal ma jgegħluna naħsbu il ħŭejjeġ żgħar ta' dana il pajjis żgħejjer,

Il Malti cull fejn imur ituk, għal cull fejn jinxteħet jinfed, għandu ħila u ras, u jingħaddu b'il mijjiet, jecc m'hux bl-eluf, il maltin li barra minn Malta chellhom il ħila jistagħneŭ u jicsbu gieħ għalihom u għal pajjishom. Mur fl-aħħar truf ta'd-dinja u għandec issib xi malti. U daŭna collha, tista tgħid, telku għal għonk it-triek; aħseb u ara chemm jistgħu jirnexxu aħjar il maltin chiecu daŭna jatu cas kabel ma jsiefru biex icunu jafu fejn sejrin u jħejju ruħhom.

Ŭaħda m'il ħŭejjeġ li il maltin ma tantx jatu cas tagħha meta jsiefru hi il lingŭa. Hu ħażin ħafna li ŭieħed imur f-pajjis meta ma jġaħġaħx b'il lingŭa ta'daŭc in-nies li fosthom irid jakla il ħobż; icun kejsu mutu u trux kalb ħafna nies biex jiftihem u biex ifehmuh, jiddejjak hu u jdejjak lilom. Mela katt ma għandec tmur f-pajjis meta ma tafx il lingŭa tiegħu għaliex issib ruħec imfixchel bla tarf; u biex titgħal-

# STORJA TA'L PAPIET

V.

## S. ANACLETU.

**Saltan għal tnax il sena, għaxar xhur u seba t-ijiem. Laħak Papa f'is-sena 100 u miet f'is-sena 112.**

Dan il Papa chien bin Antiocu u ŭieled f'Ateni. Saltan fi żmien l-Imperatur Trajjanu, li, scond ma igħidilna il għaref Eŭsebju, ħrax b'killa li ma bħala contra l-insara. F'dina il persecuzzjoni geŭ mekrudin Xmun, bin Cleofa u Marija, oħt il Madonna, u li chien laħak Iskof ta' Gerusalemm f'loc ħuh Ġacbu, Gjacintu u Romlu, tnejn m'il cbarat ta' ma'dŭar l-Imperatur ; Domitilla u xebbiet oħra; S. Injazju, Iskof ta'l Cnisja ta' Antiochija; Onesimu u iskfijiet oħra; Parmena, ŭieħed m'is-seba djaconi u numru cbir ta' insara oħra, u fl'aħħar S. Anacletu stess.

Il Valesio, il Paperbrochio, id-Dupin, il Pearson, il Baillet, il P. Halloix, il Cotolerio, Natal Alessandro u il Patri Lazzeri jridu jgħidu li dana Anacletu u il Papa S. Cletu li semmejt kabel huma l-istess ŭieħed.

Iżda il Panvinio, iż-żeŭġ Pagi, is-Sandini, li Schelstrate ma'l Cardinal Tripepi igħidu li daŭc chienu żeŭġ Papiet differenti, billi l-ismijiet ta'missierijiethom u ta'l pajjis fejn tŭieldu u ta'l ġurnata ta'l festa tagħhom ma jakblux. It-Tripepi, li għamel studji cbar fuk il ħajja ta'l Papiet u chiteb opri famusi, iħaddan dina l'aħħar fehma, igifieri li S. Anacletu u S. Cletu huma żeŭġ papiet differenti, u jiena ma nistax nagħmel ħaġa aħjar milli nimxi fuk dac li kal bniedem għaref bħal dan.

Billi S. Anacletu chien giè ordnat sacerdot minn S. Pietru stess, baka dejjem idellel f-kalbu lejh bħal kima cbira; u għalecc bnielu bħal cnisja zgħejra fuk il kabar tiegħu li chienet, tista tgħid, ġo Ruma, l-eŭŭel monument nisrani li chellu b'iż-żmien igħajjeb il monumenti ta'l pagani collha; u li fukha chella, ŭara mijiet ta' snin tinbena il famusa cnisja ta'S. Pietru li naraŭ illum.

Dana ħadem ŭisk biex saħħaħ it-tŭemmin f'daŭc li chienu ġa insara, u biex gibed f'il ħdan ta'l Cnisja Mkaddza daŭc li ma chienux.

Ŭara il martirju tiegħu, li ġara f'is-sena 112, giè midfun ma genb S. Pietru, hemm f dac il loc fejn ma tul iż-żmienijiet chella titŭakkaf dic il famusa basilica li minnha chellu jixxerred id-daŭl sabieħ ta't-tŭemmin nisrani sa l-aħħar truf ta'd-dinja.

---

Malli is-Sur Lorenz Formosa jlestili il "clixejjiet", jiena nati bidu għal l-Istorja ta'l Musica Maltija b'ir-ritratti ta'l compposituri famusi.

Malli jlestili il "clixè" ta'San Ġŭann f-Patmos noħroġ ucoll il"Maħbub ta'Ġesù" ta's-Sur Guże Muscat Azzopardi.

# Il Mistoksija oħt il Għerf

**Liema huma l- ogħla cotba ta' d-dinja?** (C. S. Il Belt).

Is-Sur Bernard Quaritch, li hu l-actar librar famus li jifhem u li jinnegozja f' il cotba rari u antichi jgħarrafna li l-actar sebgħa u għoxrin ctieb għaljin li haŭn huma daŭn:—

1. Il Boccaccio ta'Valdarfer, stampat f'Venezja u fl-1471, u li chien ta'd-Duca ta'Roxburghe u li xtrah fl-1812, Lord Blandford b-2,260 lira sterlina.

2. Il manuscritt fuk l-Assedju ta'Trojja mictub minn Lydgate, li chien ta'Henry Perkins u li xtrah, fl-1873, Bernard Quaritch b-1,320 lira.

3. Il ctieb "De Civitatis Dei", li hu aŭtur tiegħu Santu Ŭistin, stampat fuk il parĉmina minn Jenson, fl-1475, li chien ta'd-Duca ta'Marlborough u li xtrah, fl-1881, l-istess Quaritch li semmejna b-elf lira.

4. Il Bibbja b'il-latin, stampata minn Fust u Schoeffer, fl-1462, u li chienet ta'd-Duca li semmejna kabel u li xtraha, fl-1881, li stess Quaritch b-1,600 lira.

5. Il ctieb ta'l Boccaccio "Ruine des Hommes", stampat minn Colard Mansion fuk il parĉmina, fl-1476, li chien ta'l'istess Duca u xtrah l-istess Quaritch, fl-1881, b-920 lira.

6. Il Vjaġġi ta'De Bry (1590-1634) li chien ta'l-istess Duca u xtrah fl-1881, li stess Quaritch b-720 lira.

7. Il Ctieb ta'Aulu Gellju, stampat fuk il parĉmina, f-Ruma, fl-1469, li chien ta'l istess Duca u li xtrah M. Tèchener, fl-1882, b-790 lira.

8. L-Opri ta'l Petrarca bl-incisjonijiet fuk id-disinn ta'l famus pittur Botticelli, stampat f-Venezja, fl-1488, li chien ta' l istess Duca u li xtrah Quaritch fl-1882, b-1,950 lira.

9. Il Ctieb ta'Durandus, "Rationale" stampat minn Fust u Schoffer fl-1459, fuk il parĉmina u li chien ta'l-istess Duca u li xtrah l-istess Quaritch fl-1882, b-790 lira.

10. Ir-ritratti ta'l famus pittur Van Dyck, maħduma b'il bulin, li chienu ta'd-Duca ta'Hamilton u li xtrahom, fl-1882, Thibaudeau b-2,850 lira.

11. L-Opri ta'l famus poeta latin Virgilju stampati f-Venezja fuk il parĉmina, fl-1,470, ta'd-Duca ta'Marlborough u li xtrahom Quaritch fl-1883 bi 810 liri.

12. Il "Croniklis" ta'Boezju, stampat f-Edinburgu fl-1536 fuk il parĉmina, b-ordni ta's-Sultan ta'l-Ingħilterra Ġacbu V, u li chien ta'd-Duca ta'Hamilton u li xtrah l-istess Quaritch, fl-1883, bi 800 lira.

13. Il Bibbja ta'Mazarinu, li chienet ta'Sir John Thorold u li xtraha l'istess Quaritch, fl-1884, bi 3,900 lira.

14. Is-Salterju stampat minn Fust u Schoffer, fl-1459, li chien ta'l-istess John Thorold u li xtrah l-imsemmi Quaritch fl-1884, b-4,950 lira.

15. Il Ctieb imsejjaħ "Recuyell of Troye", stampat minn Caxton kabel l-1474, u li chien ta'Lord Jersey u li xtrah ucoll Quaritch, fl-1885, b-1,820 lira.

16. Il "Morte d'Arthur", stampat minn Caxton fl-1485, u li chien ta'l-istess Lord Jersey u li xtrah l-istess Quaritch, fl-1885, b-1,950 lira.

17. Il "Canterbury Tales" stampat minn Caxton, fl-1478, u li chien ta'R. E. Saunders u li xtrah l-istess Quaritch, fl-1895, b-1,880 lira.

18. Il "Life of Jason" stampat minn Caxton, fl-1477, u li chien ta'Lord Ashburnham u li xtrah Pickering, fl-1897, b-2,100 lira.

19. Il Bibbja ta'Mazarinu, stampata fl-1450-55 fuk il par-

